- *INIBIZZJONI TA' MINURI LI JSIEFER MINN MALTA –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Numru: 9**
**Citazzjoni Numru: 2606/98/RCP**

**Jennifer Levato**

**vs**

**Luigi Giuseppe Patamia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-30 ta' Novembru 1998 l-attrici talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex il-konvenut jitwaqqaf milli jiehu l-minuri Alessandro Patamia barra minn Malta.

Illi permezz ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 4277/98 il-konvenut gie mwaqqaf milli jiehu lill-minuri Alessandro Patamia barra minn Malta jew jippermetti lil xi hadd jaqhmel dan.

Illi l-attrici ghandha interess li dan l-ordni jsir permanenti.

L-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tinibixxi lill-konvenut permanentement milli jiehu lill-minuri Alessandro Patamia barra minn Malta jew jippermetti lil xi hadd jaghmel dan.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tas-17 ta’ Marzu 1999 u tas-27 ta’ Mejju 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Giuseppe Luigi Patamia tat-23 ta’ Gunju 1999 a fol 14 tal-process fejn gie ecceppit:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt il-ghaliex l-eccippjient qatt ma kellu l-ebda hsieb jew intenzjoni jew li

jiehu lill-ibnu minuri barra minn Malta jew li jippermetti lil xi hadd Ii jaghmel dan;

Illi, ghall-finijiet ta' pratticita' biss, u minghajr l-ebda pregudizzju ghad-drittijiet paterni kollha tieghu, l-eccippjent fil-waqt li ma jopponix it-talba attrici, jissottometi illi fic-cirkostanzi m'ghandu jehel l-ebda spejjes ukoll il-ghaliex malli sar jaf bil-mandat ta' inibizzjioni in kwistjoni (il-ghaliex sal-gurnata tal-lum ghadu ma giex notifikat bih) mill-ewwel wera d-disponibilita' tieghu biex jestendi indefinitivament it-terminu impost mill-ligi li fih l-attrici trid tiddeduci t-talba taghha;

Illi l-eccippjent jixtieq jipprevalixxi ruhu mit-talba attrici sabiex jinterponi kontro-talba tieghu.

Salvi eccezjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 14 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol 15 tal-process fejn gie premess:

Illi fit-23 ta' Gunju 1999 l-esponent rikonvenzjonanti talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-attrici rikonvenzjonata titwaqqaf milli tiehu l-minuri ibnu Alessandro Patamia barra minn Malta;

Illi permezz tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3050/99 l-attrici giet imwaqqfa milli tiehu l-minuri Alessandro Patamia barra minn Malta jew li tippermetti lil xi hadd jaghmel dan;

Illi l-esponent ghandu interess li din l-ordni ssir permanenti;

L-istess konvenut talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid il-ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tinibixxi lill-attrici rikonvenzjonata Jennifer Levato permanentement milli tiehu lill-minuri Alessandro Patamia barra minn Malta jew li tippermetti lil xi hadd jaghmel dan.

Bl-ispejjes kontra l-attrici rikonvenzjonata minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonanti Giuseppe Luigi Patamia a fol 15 tal-process.

Rat il-verbal tal-15 ta' Lulju 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-prezenata tal-eccezzjonijiet mill-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici Jennifer Levato ghall-kontro-talba a fol 19 tal-process fejn gie ecceppit:

1. Illi l-kontrotalba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-minuri Alessandro ghandu bzonn isiefer minn zmien ghal zmien ghal kura medika barra minn Malta kif jigi ppruvat fil-kawza. Il-mandat 3050/99 jista' jkun ta' dannu ghal sahhet Alessandro u xejn aktar.

2. Illi fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni jissemma' John Hubbers, izda l-periklu li Alessandro jigi mehud barra mill-pajjiz permanentement ma jezistix realment ghaliex John Hubbers huwa domiciljat f'Malta ghal aktar minn sentejn minkejja li hu cittadin Olandiz.

3. L-istess John Hubbers m'ghandux residenza fl-Olanda u ilu nieqes mill-Olanda ghal dawn l-ahhar 6 snin u m'ghandux intenzzjoni li jerga jmur lura u ghaliex issa zzewweg lil imsemmija Jennifer Hubbers.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici rikonvenjonata a fol 20 tal-process;

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 1999 fejn xehdet Jennifer Levato. Dr Kenneth Grima ghall-attrici ddikjara li bhala xhieda baqghalu biss lil John Hubbers, lit-tabib Dr Stefan Camilleri u provi ohra dokumentarji. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Dicembru 1999 ghall-provi kollha attrici u kontro-ezami tax-xhieda kollha attrici.

Rat il-verbal tat-2 ta' Dicembru 1999 fejn xehdu Jennifer Levato, Dr Stefan Camilleri u John Hubbers. Dr K Grima ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut ghad-9 ta' Dicembru 1999.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-3 ta' Novembru 1999.

Rat il-verbal tad-9 ta' Dicembru 1999 fejn inghatat decizzjoni fuq ir-rikors tal-konvenuta tat-3 ta' Novembru 1999. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut jew transazzjoni ghall-25 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Jannar 2000, tal-14 ta' Marzu 2000, tas-16 ta' Mejju 2000, tal-21 ta' Gunju 2000, tal-25 t'Ottubru 2000, tat-30 ta' Novembru 2000, tat-12 ta' Dicembru 2000 u tas-17 ta' Jannar 2001 fejn Dr. Chris Soler ghall-konvenut iddikjara li m'ghandux provi xi jressaq. Dr. Kenneth Grima ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza saret mill-attrici sabiex tinibixxi lill-konvenut, missier il-minuri Alessandro Patamia, milli jiehu lill-istess minuri barra minn Malta jew jippermetti lil xi hadd jaghmel dan, wara li l-istess attrici kienet ottjeniet Mandat ta' Inibizzjoni ghall-istess skop fit-30 ta' Novembru 1998.

Illi min-naha tieghu l-konvenut sostna li huwa qatt ma kellu intenzjoni li jaghmel dan, anzi kien lest li jintrabat li jaghmel dan, minghajr rikors ghal din il-procedura.

Illi min-naha tieghu l-istess konvenut ipprezenta kontro-talba, sabiex din id-darba l-attrici tigi inibita milli tiehu lill-istess minuri barra minn Malta, wara li l-istess konvenut kien gja prezenta Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3050/99 datat 23 ta' Gunju 1999 f'dan is-sens.

Illi l-istess attrici kienet opponiet ghal dan peress li sostniet li l-istess tifel ikollu bzonn kura medika barra minn Malta, u apparti dan zewgha illum, ghalkemm Olandiz bl-isem ta' John Hubbers, huwa domiciljat Malta.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kienet mizzewga lill Francesco Levato, u kellha zewgt' ulied Katia ta' sbatax (17) il-sena u Vanessa ta' tlettax (13) il-sena, u fil-fatt iddivorzjat minn dan l-istess.

Il-minuri Alessandro kien wild mir-relazzjoni taghha extra-konjugali mal-konvenut u twieled fit-18 ta' Ottubru 1995. Illi fil-fatt il-kontendenti qabel it-tqala kienu ghexu flimkien circa sebgha (7) xhur u damu flimkien biss ghaxar (10) xhur wara li twieldet it-tarbija. Illi l-istess relazzjoni bejn il-kontendenti kienet movimentata sew stante li kienu spiss jitlewmu; infirdu u skond l-attrici ghall-ewwel l-istess konvenut beda jara lill-ibnu, izda wara sitt xhur kellu jmur il-Germanja w inqata' l-kuntatt u rritorna Malta f'Dicembru 1998.

It-tifel skond l-attrici kellu problema li meta jimxi iddahhal saqajh ma' xulxin, u kien immur klinika l-Olanda sabiex jaghmlu suletti ghalih ghall-zarbun apposta, u kull sitt xhur kien jittella' l-Olanda ghal dan l-iskop, mill-bqija tghix Malta ma zewgha u uliedha l-ohra li kollha jiffrekwentaw skola Malta. Dr. Stefan Camilleri ikkonferma l-kondizzjoni tal-minuri u spjega li tissejjah *intoeing* u l-minuri jinzamm taht osservazzjoni sabiex din is-sitwazzjoni ma tiggravax ruhha.

Illi l-attrici fil-mori tal-kawza kienet izzewget lil John Hubbers fil-10 ta' Gunju 1999, li skond huwa fforma kumpanija hawn Malta, u qed jghix Malta, u kien behsiebu jiftah negozju Malta.

Illi fid-9 ta' Dicembru 1999, wara rikors tal-attrici datat 3 ta' Novembru 1999, inghata Digriet fuq dak li qabblu l-partijiet fejn il-minuri kellu jithalla jsiefer bejn it-3 ta' Dicembru

1999 sat-3 ta' Jannar 2000, b'dan li wara l-istess data l-partijiet jibqghu inibiti li johorgu lill-minuri barra minn Malta. Illi *di piu'* l-partijiet ittentaw jiftehmu dwar kif l-minuri jkollu access minn missieru.

Il-konvenut min-naha l-ohra sostna li telaq lill-attrici minhabba inkompatibilita` ta' karattru, u wara li halla Malta, kien gie lura fin-1997 u minn dak in-nhar lill-ibnu rah darba biss, ghalkemm huwa jghix regolarment Malta u jahdem fil-hotel *Milano Due*. Ghamel rikos lejn il-Qorti w inghatatlu fakolta' li jara lill-ibnu ghall-saghtejn, darbtejn fil-gimgha, izda l-attrici skond huwa xorta lit-tifel ma hallietux immur jara lill-konvenut.

Illi peress li kien hemm indisposizzjoni tad-difensur tal-attrici kien hemm diversi differimenti wara d-9 ta' Dicembru 1999, u jidher li l-parijiet fil-frattemp ippruvaw jittransigu pero' ma waslux, u fl-ahhar fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2001, id-difensuri tal-partijiet wara li ddikjaraw li ma ghandhomx provi talbu li l-kawza tmur ghas-sentenza.

Illi minn dak in-nhar l'hawn il-Qorti ma gietx infurmata xi zviluppi sehhu fir-relazzjoni tal-istess minuri mal-ġenituri tieghu, u ghalhekk din il-Qorti ser toqghod fuq dak li rrizulta fix-xhieda quddiema, u minn dan johrog car li r-relazzjoni bejn il-kontendenti spiccat ghal kollox u l-unika haga li hemm bejniethom hija proprju li huma l-genituri tal-istess minuri.

Illi ovvjament sabiex tiddeciedi l-premess, din il-Qorti sejra timxi biss fl-interess tal-istess minuri, u din il-Qorti thoss li mill-assjem tal-provi ghandu jirrizulta li jkun imprudenti li din il-Qorti f'dan l-istadju tawtorizza lil xi wiehed mill-partijiet li jkunu jistghu jiehdu lill-minuri barra minn Malta, ghaliex din il-Qorti thoss li fil-kaz taz-zewg kontendenti xorta tezisti l-possibilita' li dan l-istess minuri ma jigix ritornat Malta, ghalkemm il-partijiet ma wrew l-ebda hsieb li jghamlu dan, ghalkemm ironikament l-anqas qed jafdaw lil xulxin, tant li prezentaw mandati reciprokament kontra xulxin ghall-istess skop.

Illi ovvjament din is-sitwazzjoni tista' tinbidel minn zmien ghal zmien, pero' sabiex dan issir, l-Qorti ser tezigi li l-partijiet jirreferu meta jkun hemm bzonn, il-kaz il-Qorti, sabiex f'tali eventwalita' jittiehdu l-prekawzjonijiet necessarji skond il-ligi.

Illi ghalhekk salv ghal dak fuq premess, it-talbiet attrici u dawk tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu milqugha, suggetti ghal dak li ser jinghad iktar il-quddiem.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi a rigward l-azzjoni attrici, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, in kwantu l-istess jopponu it-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tinibixxi lill-konvenut Luigi Giuseppe Patamia milli ghal ebda raguni ma jiehu l-minuri Alessandro Patamia barra minn Malta jew jippermetti lil xi hadd jaghmel dan, hlief jekk jigi awtorizzat jaghmel dan b'Digriet jew Decizzjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizzjoni, u l-Qorti tordna li ghal dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata u notifikata kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura l-istess u sabiex l-isem tal-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara li l-istess minuri ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizzjoni tal-Qorti kompetenti, komunikata lilu skond il-ligi.

Illi in konnessjoni mal-**Kontro-Talba tal-konvenut**, din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi, **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-istess, **tilqa' t-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu** b'dan illi:

(1) Tinibixxi lill-attrici rikonvenzjonata Jennifer Levato milli ghall-ebda raguni ma tiehu l-minuri Alessandro Patamia barra minn Malta jew tippermetti lil xi hadd jaghmel dan, hlief jekk tigi awtorizzata taghmel dan b'Digriet jew Decizzjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizzjoni, u l-Qorti tordna li ghal

dan l-iskop kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata u notifikata kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura l-istess u sabiex l-isem tal-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport tal-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara li l-istess minuri ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizzjoni tal-Qorti kompetenti, komunikata lilu skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza u tal-kontro-talba jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**27 ta' Marzu 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**27 ta' Marzu 2001.**